**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1289/2023 MS*

**Avukat Dr Malcolm Mifsud a nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Checkin.com International AB reġistrata fi Svezia**

**Vs.**

**Montemar Limited u Condor Malta Limited**

Illum, 19 ta' Frar, 2024

Kawża Numru: 9

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur nomine fit-13 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu, wara li ppremetta kif ġej:

> Illi l-Attur noe dahal fi Supply and Licnce Agreement (Dok A) u Data Processing Agreement (Dok B) mas-Socjeta Konvenuta, Montemar Limited;
>
> Illi l-Attur noe ppresta s-servizzi tieghu lis-Socjeta Konvenuta, Montemar Limited u lil Condor Malta Limited, li is-socjeta ta' l-ahhar tikkontrolla numru ta' loghob fuq l-internet u hi ghandha l-licenzja mal-Malta Gaming Authority. B'hekk minkejja li hemm ftehiem bejn is-Socjeta

Attrici u Montemar Limited, is-servizz inghata lil Condor Malta Limited bejn Jannar 2022 u Awissu 2023, u inhargu l-fatturi Dok C – Dok V u s-Socjeta Konvenuti huma debituri ta' €113,2500 (mija u tlettax-il elf, mitejn u hamsin Euro);

Illi l-ammont imsemmi kemm-il darba minghand is-Socjeta Konvenuta, izda huwa baqa ma hallasx

Illi l-ammont huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-Attur noe, il-Konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba li qed issirlu

ipproċeda biex jitlob lil din il-qorti:

1. tghaddi biex tiddecidi fuq it-talba tal-attur nomine bid-dispensa tas-smigh ghat-termini tal-artikolu 167 ta' Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €113,250 (mija u tlettax-il elf, mitejn u hamsin Euro ammont minnu dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

   Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet tat'8% kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

2. Rat id-dokumenti li ġew eżebiti mal-istess rikors ġuramentat;

3. Rat illi b'nota preżentata fl-24 ta' Jannar, 2024, l-attur nomine irtira t-talbiet tiegħu limitatament fil-konfront tas-soċjetà Montemar Limited;

4. Rat li s-soċjetà konvenuta Condor Malta Limited, għalkemm ġiet debitament notifikata, ma dehritx la fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2023 u lanqas fl-udjenza tal-lum stess;

5. Rat li l-kawża, li saret bil-proċedura sommarja speċjali, tħalliet għal-lum stess sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

6. Illi la darba s-soċjetà konvenuta Condor Malta Limited ma dehritx biex tikkontesta l-kawża fl-ebda waħda mill-udjenzi li nżammu wara n-notifika tagħha, din il-qorti

għandha tipproċedi bil-kawża bid-dispensa tas-smigħ u billi tilqa' t-talbiet tal-attur nomine kif maħsub fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi jikkonkorru ċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk maħsuba għall-mixi tal-proċedura sommarja speċjali.

7. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-attur nomine sa fejn dawn saru fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Montemar Limited,

(i) tilqa' l-ewwel talba u għalhekk tgħaddi biex tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ skont l-artikoli 167 u 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(ii) tilqa' t-tieni talba limitatament fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Condor Malta Limited u tikkundanna lill-imsemmija soċjetà konvenuta tħallas lill-attur nomine s-somma ta' mija u tlettax-il elf mitejn u ħamsin Ewro (€113,250), bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitlub fir-rikors ġuramentat.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur